# ID-DAWL

NOVEMBRU 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 71

"Kull min joqtol bniedem... qisu qatel l-umanità kollha; u min isalva l-ħajja, qisu salva lill-bnedmin kollha."




Fil-Gwerra ma jirbaħ Ħadd | Il-Karità għat-Tfal ta' Gaża | Il-Konvenzjoni Annwali | Xi Tagħlim tal-Koran

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# FIL-GWERRA MA JIRBAĦ ĦADD

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Dawn l-aħħar ġimgħat kienu verament diffiċli minħabba s-sitwazzjoni kerha ħafna fil-Palestina minħabba l-gwerra bejn l-Iżrael u l-Ħamas. Kif jgħidu, fil-gwerra ma jirbaħ ħadd u kulħadd jitlef fil-gwerra. Għal darb'oħra dan reġa' ġie ppruvat veru. Rajna filmati u ritratti tal-waħx, il-biki, il-qtil, il-ħsara u qerda ta' bini pubbliku u privat, inklużi sptarijiet. Meta nara dan kollu, nistaqsi, xi nkiseb permezz ta' din il-gwerra? L-aktar tweġiba sempliċi hija 'xejn ħlief telf kbir'.

Inqatlu eluf ta' nies innoċenti fosthom tfal, nisa u anzjani, li jfisser eluf ta' djar u familji ġew meqruda; it-tfal saru orfni, in-nisa saru romol, u l-ommijiet tħallew mingħajr uliedhom.

Sfortunatament, il-poteri ewlenin, filwaqt li jesprimu simpatija, ma jridux jamministraw il-ġustizzja u mhumiex serji dwar din il-kwistjoni. Huma jemmnu li l-gwerra se tibqa' konfinata għal dawk iż-żoni, iżda mhumiex konxji. Anke l-għorrief fosthom bdew jgħidu li l-gwerra mhux se tkun limitata għal dawk ir-reġjuni iżda se tinfirex aktar u tilħaq pajjiżi tagħhom stess. Il-pajjiżi kbar m'għandhomx jinsew li meta l-fjammi tan-nar jinfirxu ma jeħilsu lil ħadd; u ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn kbar jew żgħar, u bejn sinjuri jew foqra.


## ID-DAWL

NOVEMBRU 2023 – Numru 71
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


In war, no one wins 02
Malta book festival 2023 04
Charity event for Gaza children 04
5th Jalsa Salana Malta 05
Quranic Teachings 06
Sayings of the Holy Prophet[sa] 07



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** MoreThanPicture / Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




Għalhekk, hija t-talba umli tiegħi li, minflok aktar firda u aktar eskalazzjoni tal-mibegħda, huwa aktar għaqli li tinżera' ż-żerriegħa tal-imħabba, ir-rikonċiljazzjoni u l-paċi. Għax meta hemm paċi, kulħadd igawdi, u meta hemm gwerra kulħadd jitlef. Meta l-bniedem ma jiflaħx ma jista' jagħmel xejn, u ma jistax igawdi anke jekk ikun hemm l-ikel bnin quddiemu; bl-istess mod, meta hemm kunflitt fis-soċjetà, ħadd ma jista' jistrieħ u jgawdi.

Għalhekk, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li **ma tixtiqux gwerra jew li tiltaqgħu mal-għadu fil-battalja, iżda, dejjem tistinkaw għall-paċi, il-prosperità u t-trankwillità.** Huwa għallimna li biex tiżviluppa l-paċi u tneħħi l-mibegħda mill-qalb, persuna trid tgħin kemm lill-oppressur kif ukoll lil min hu oppressat. Huwa qal li, "Għin lil ħuk kemm jekk hu l-oppressur kif ukoll jekk hu l-oppressat." Meta semgħu dan, sħabu qalu li, "Nifhmu li aħna għandna ngħinuh meta hu l-parti aggravata, imma kif għandna ngħinu meta hu jkun qed iwettaq il-ħażin?" Hu qal: "Żommulu idu," jiġifieri li tista' tgħin lill-oppressur billi twaqqaf milli jaġixxi b'mod krudili sabiex ikun jista' jiġi salvat mir-Rabja ta' Alla.

Illum huwa importanti li ngħinu liż-żewġ naħat, il-vittmi u l-ħatja. Nistgħu ngħinu lill-vittmi billi nuru solidarjetà u noffrulhom għajnuna umanitarja, u nistgħu ngħinu l-ħatja billi 'nżommu jdejhom'.

# XI ATTIVITAJIET TAL-KOMUNITÀ







## IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li sar bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru 2023, fl-MFCC, Ta' Qali.






## IL-KARITÀ GĦAT-TFAL TA' GAŻA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod attiv ħafna fl-attività ta' ġbir ta' fondi għat-tfal ta' Gaża, il-Palestina, organizzata mill-ACIS Malta fil-25 u s-26 ta' Novembru 2023.

## L-GĦARGĦAR F'DERNA, IL-LIBJA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta estendiet l-appoġġ u s-solidarjetà tagħha lill-poplu Libjan tal-belt ta' Derna li sofrew minħabba l-għargħar qawwi, u ppreżentat ikel bħala għajnuna umanitarja.



# Il-5 JALSA SALANA MALTA







Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat il-5 Jalsa Salana (Konvenzjoni Annwali) tagħhom nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 2023, fiċ-Ċentru tal-Komunità fl-Imsida, Malta. It-tema tal-Jalsa ta' din is-sena kienet ***Il-Profeta ta' Alla – Mudell Eċċellenti***.

Il-Konvenzjoni bdiet bil-qari mill-Koran Imqaddes, poeżiji u diskorsi fuq suġġetti differenti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta kienet imbierka li tirċievi messaġġ speċjali mingħand il-Kap tal-Komunità, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], li nqara wkoll. Fil-messaġġ tiegħu, il-Qdusija Tiegħu ta struzzjonijiet lill-membri tal-Komunità biex isegwu u jippromwovu kull aspett tal-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u li jistinkaw biex jilħqu dawk l-istandards spiritwali u morali għoljin li huma mistennija mill-membri tal-Komunità Ahmadiyya, sabiex "intom ilkoll tistgħu ssiru Musulmani Ahmadi eżemplari".

Id-diskorsi saru kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-Urdu. Is-suġġetti tad-diskorsi kienu: 'Il-Koran u l-prinċipji tal-ħajja ġusta', 'It-talb pilastru importanti tal-Iżlam', 'Id-direzzjoni tajba fl-era tal-midja soċjali u l-materjaliżmu', 'Il-Kalifat u r-responsabbiltajiet tagħna', 'L-infiq fil-kawża ta' Alla bħala mezz ta' qrubija lejn Alla' u 'Għaliex huwa importanti li nemmnu fil-Messija Imwiegħed[as]?' Fid-diskors tal-konklużjoni tiegħu, il-President tal-Komunità, ġibed l-attenzjoni tal-membri lejn ir-responsabbiltajiet tagħhom bħala Musulmani Ahmadin. Huwa tkellem dwar il-karattru sabiħ tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u qal li biex insiru Musulmani Ahmadin veri u eżemplari u biex niksbu qrubija ta' Alla, huwa dmirna li nħobbu lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u nsegwu l-karattru nobbli tiegħu f'kull pass ta' ħajjitna.

# XI TAGĦLIM TAL-KORAN

## L-UNITÀ TA’ ALLA

Għidu, “Huwa Alla, il-Wieħed; Alla, l-Indipendenti u l-Imfittex minn kulħadd.” (Il-Koran, 112:2-3)

## IL-LIBERTÀ RELIĠJUŻA

M’għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon. (2:257)

## L-IRĠIEL U N-NISA

Ċertament, irġiel li jissottomettu ruħhom għal Alla u nisa li jissottomettu ruħhom Għalih, u rġiel li jemmnu u nisa li jemmnu, u rġiel ubbidjenti u nisa ubbidjenti, u rġiel onesti u nisa onesti, u rġiel sodi fil-fidi u nisa sodi fil-fidi, u rġiel umli u nisa umli, u rġiel li jagħmlu l-karità u nisa li jagħmlu l-karità, u rġiel li jsumu u nisa li jsumu, u rġiel li jieħdu ħsieb tal-kastità tagħhom u nisa li jieħdu ħsieb tal-kastità tagħhom, u rġiel li jiftakru ta’ spiss f’Alla u nisa li jiftakru ta’ spiss Fih – Alla ħejja għalihom kollha l-maħfra u premju kbir. (33:36)

## IL-VERITÀ

O intom li temmnu! Kunu stretti biex tosservaw il-ġustizzja u kunu xhieda f’isem Alla anke jekk ikun kontra tagħkom infuskom jew kontra l-ġenituri u nieskom. Kemm jekk sinjur jew fqir, Alla jagħti kashom it-tnejn iktar minnkom. Għalhekk issegwux ix-xewqat baxxi biex b’hekk tkunu tistgħu timxu b’ġustizzja. U jekk taħbi jew twarrab il-verità, ftakar li Alla jaf sew x’inti tagħmel. (4:136)

## IL-ĠUSTIZZJA

O intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta’ Alla, billi tkunu xhieda ta’ ekwità; u tħallux il-mibegħda tan-nies tqanqalkom biex ma taġixxux bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, biex tkunu eqreb lejn is-sewwa. U ibżgħu minn Alla. Alla jaf x’intom tagħmlu. (5:9)

## IL-QDUSIJA TAL-ĦAJJA

"Kull min joqtol bniedem... qisu qatel l-umanità kollha; u min isalva l-ħajja, qisu salva lill-bnedmin kollha." (5:33)

## IL-KARITÀ

Jekk tagħmlu l-karità bil-miftuħ tkunu qed twettqu s-sewwa, iżda jekk taħbuha u tagħtuha lill-foqra, ikun aħjar għalikom; u Hu (Alla) ineħħilkom ħafna mid-dnubiet tagħkom. U Alla konxju ta' dak li tagħmlu. (2:272)

## L-UMANITÀ

Tabilħaqq Alla jordna l-ġustizzja, u li wieħed jagħmel it-tajjeb lill-oħrajn; u li wieħed jagħti bħall-aħwa. (16:91)

# FIL-QOSOR

## IL-KARITÀ U L-FLUS

"Il-karità ma tnaqqasx il-flus. Alla jagħti ġieħ lil dak li jaħfer id-deni li jsir miegħu, u ma jitkabbarx ma' min jagħmillu ħsara."

## GĦINU BI TBISSIMA

"Ma tistgħux tgħinu lin-nies bil-flus tagħkom biss. Mela għinuhom b'wiċċ ferrieħ u bi mġiba tajba."

## IX-XEWQA TAJBA

"Ħadd minnkom ma jemmen, jekk ma jixtieqx lil ħuh dak li jixtieq lilu nnifsu."

## ĠIB RUĦEK TAJJEB

"Kun ġust, u tkun l-aħjar fost dawk li jqimu. Kun kuntent b'li għandek, u b'hekk tkun l-aħjar fost dawk li jiżżu ħajr. Ara li tixtieq għal ħaddieħor dak li tixtieq għalik innifsek, u b'hekk tkun tassew temmen. Ġib ruħek tajjeb ma' ġarek, u b'hekk tkun tassew Musulman u fidil veru. Naqqas id-daħk, għaliex ħafna daħk joqtol lill-qalb."

## KUNU AĦWA

"Il-fidil huwa ħu l-fidil. La jonqos lejh, la jistmerru, u lanqas jitilqu waħdu."

## GĦIRA TIEKOL L-GĦEMEJJEL TAJBA

"Oqogħdu attenti mill-għira, għax din tiekol l-għemejjel tajba, bħalma n-nar iġib fix-xejn l-injam u l-ħaxix."

## IŻŻOMMU MAS-SEWWA

"Jeħtieġ li żżommu mas-sewwa; għaliex is-sewwa jwassal għall-virtù, u l-virtù twassal għall-Ġenna. Meta bniedem jgħid is-sewwa u jibqa' fis-sewwa, huwa jkun miktub għand Alla bħala bniedem sewwa."

## GRATITUDNI LEJN IN-NIES

"Min ma jiżżix ħajr lin-nies, ma jiżżix ħajr lil Alla."

## L-INDAFA

"L-indafa nofs it-twemmin."
"It-tindif tas-snien inaddaf il-fomm, u jogħġob lill-Mulej."

## TIGDBUX GĦAX...

"Araw li ma tigdbux, għaliex il-gideb iwassal għall-vizzju, u l-vizzju jwassal għan-Nar. Meta bniedem jigdeb u jibqa' fil-gideb, huwa jkun miktub għand Alla bħala bniedem giddieb."

## IŻ-ŻWIEĠ U L-ISPIRITWALITÀ

"Wieħed jiżżewweġ mara għal erba' raġuni: għal flusha, għall-familja tagħha, għal ġmielha u għall-onestà, l-ispiritwalità u r-reliġjożità tagħha. Mela agħti l-preferenza tiegħek lil dik li hija onesta u ġusta. U kun dejjem umli."

(*Kliem tal-Qaddis Profeta Muħammad$^{sa}$)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**